# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 40**

**Avviz. numru 540/01mm**

**Joseph u Rosaria konjugi Vassallo**

**vs**

**John u Josephine konjugi Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fil-31 ta' Mejju 2001 fejn talbu lil din il-Qorti li fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din il-Qorti jnehhu u jirrimwovu l-"flower bed" tal-gebel bil-hamrija go fiha li tinsab fl-ispazju ta' bejn il-parapetti ta' quddiem il-garage taghhom numru tnejn u disghin (92) u l-garage tal-atturi numru erba u disghin (94) fi Triq ir-Rebbiegha, Siggiewi u dana stante li din l-istess 'flower bed' saret mill-konvenuti minghajr il-permess u kontra l-volonta tal-atturi u b'mod li l-atturi

qed jigu impeduti milli jistghu jtellu hajt divisorju li jifred dawn iz-zewg parapetti.

Il-Qorti hija mitluba wkoll tordna li fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu dak minnha ordnat fit-terminu prefiss, l-istess atturi jigu awtorizzati jaghmlu x-xogholijiet huma stess a spejjez tal-istess konvenuti okkorrendo bl-opera u taht id-direzzjoni ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-29 ta' Settembru 2000 u tad-9 ta' Ottubru 2000 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghal fini tal-kompetenza jigi dikjarat illi l-valur ossia l-ispejjez tax-xogholijiet involuti ma jeccedux il-hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) kif jirrizulta ukoll mill-istima tal-Perit Michael Falzon anness u markat Dokument “MF”.

Rat il-verbali tas-seduti tal-5 ta' Lulju 2001 u tas-16 ta' Lulju 2001.

Semghet ix-xhieda ta' l-attur.

Fil-kontumacja tal-konvenut u peress illi rrizulta li l-attur ghandu ragun fit-talba tieghu;

Tilqa' l-istess u tipprefiggi terminu ta' xahar mid-data ta' din is-sentenza sabiex il-konvenuti jnehhu u jirrimwovu l-'flower bed' tal-gebel bil-hamrija go fiha li tinsab fl-ispazju ta' bejn il-parapetti

ta' quddiem il-garage taghhom numru tnejn u disghin (92) u l-garage tal-atturi numru erba u disghin (94) fi Triq ir-Rebbiegha, Siggiewi u dana stante li din l-istess 'flower bed' saret mill-konvenuti minghajr il-permess u kontra l-volonta tal-atturi u b'mod li l-atturi qed jigu impeduti milli jistghu jtellu hajt divisorju li jifred dawn iz-zewg parapetti.

Fin-nuqqas, tawtorizza lill-atturi li jaghmlu x-xogholijiet huma stess a spejjez tal-konvenuti taht id-direzzjoni tal-Perit Michael Falzon A&CE jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra  l-konvenuti.

Anthony Zammit

Dep Reg